1	35° 54'.262	014° 31'.211
2	35° 54'.592	014° 31'.377
3	35° 54'.652	014° 31'.239
4	35° 54'.731	014° 31'.310

The display will start at 8.30 p.m. and finish by 11.00 p.m.

In view of the above, mariners are informed that part of the Grand Harbour, between the imaginary lines A-B, C-D, E-F, G-H, I-J, and the intermediate coastline (as shown on chart found on Transport Malta website (http://www.transport.gov.mt)), will be closed to all vessels.

The port closure and prohibited area will be effective on Tuesday, 26th April, 2022, from 8.30 p.m. till 11.00 p.m., local time (6.30 p.m. till 9.00 p.m. UTC), except for authorised vessels.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.590	014° 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35° 53'.541	014° 31'.155
F	35° 53'.545	014° 31'.359
G	35° 53'.653	014° 31'.479
H	35° 53'.840	014° 31'.112
I	35° 54'.143	014° 31'.221
J	35° 53'.963	014° 31'.376

Matul l-avveniment il-movimenti tat-tbaħħir fil-Port il-Kbir se jkunu ristretti.

Kull bastiment li jasal u/jew jitlaq mid-Daħla tal-Kalkara barra l-ħinijiet tal-wiri għandu jżomm qrib ix-Xatt ta' Bighi kemm jista' jkun u jżomm distanza sigura.

Il-bastimenti u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod sew u jżommu distanza sigura ta' mhux inqas minn 200 metru minn kwalunkwe pontuni u braken.

Wara l-wiri l-pontuni u l-braken jiġu rmunkati lura lejn il-Moll tal-Kalkara. Is-sinkers u l-ankri se jittellgħu mill-qiegħ.

L-informazzjoni kollha l-oħra msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 41 tal-2022 tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

Is-26 ta' April, 2022

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.590	014° 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35° 53'.541	014° 31'.155
F	35° 53'.545	014° 31'.359
G	35° 53'.653	014° 31'.479
H	35° 53'.840	014° 31'.112
I	35° 54'.143	014° 31'.221
J	35° 53'.963	014° 31'.376

During the event shipping movements in Grand Harbour will be restricted.

Any vessel arriving and/or departing from Id-Daħla tal-Kalkara outside the display times is to keep close to Bighi foreshore as possible and maintain a safe distance.

All vessels and bathers are warned to keep well clear and always maintain a safe distance of not less than 200 metres from any of the pontoons and barges.

After the display, pontoons and barges will be towed back to Kalkara Quay and the sinkers and anchors lifted from the bottom.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 41 of 2022 will remain valid.

Chart affected: BA 177

26th April, 2022

DIPARTIMENT TAD-DWANA

Bdil tal-ħinijiet tal-Uffiċċju tas-Sisa Annex B, ix-Xatt ta' Lascaris, il-Belt Valletta

Id-Dipartiment tad-Dwana jixtieq javża lill-pubbliku ġenerali li min-nhar it-Tnejn, 25 ta'April, 2022, il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Uffiċċju tas-Sisa li jinsab f'Annex B, faċċata tal-binja prinċipali tad-Dwana fix-Xatt ta' Lascaris, se jinbidlu kif ġej:

Skeda tax-Xitwa

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.15 p.m. sal-4.00 p.m.

Skeda tas-Sajf

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – mit-8.00 a.m. sa nofsinhar

Is-26 ta' April, 2022

CUSTOMS DEPARTMENT

Change of opening hours at Excise Office Annex B, Lascaris Wharf, Valletta

The Department of Customs wishes to inform the general public that as from Monday, 25th April, 2022, the opening hours of the Excise Office, which is situated at Annex B, across the street from the main Customs building at Lascaris Wharf, will be changing to the following:

Winter Schedule

Monday to Friday – from 8.00 a.m. till noon and from 1.15 p.m. till 4.00 p.m.

Summer Schedule

Monday to Friday – from 8.00 a.m. till noon

26th April, 2022

KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk jgħarraf illi minħabba attivitajiet konessi mal-festa tal-Ħadd, 8 ta' Mejju, 2022, il-Monti tal-Ħadd mhux se jarma dakinhar.

Is-26 ta' April, 2022

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont S.L.65.13, it-triq hawn taħt imsemmija ser tiġi klassifikata bħala 'Żona ta' Rmonk', in konnessjoni ma' iffilmjar.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija, jgħarraf illi t-traġit u l-ipparkjar ta' vetturi huwa pprojbit fiż-żoni imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Mellieħa

Minn nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2022, sa nofsinhar tal-Ħamis, 28 ta' April, 2022, mill-Aħrax tat-Tunnara (Żona B) u Triq l-Armier, Aħrax tal-Mellieħa limiti tal-Mellieħa.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' April, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2022, mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m., Triq l-Indipendenza (minn kantuniera ta' Triq Caravaggio sa kantuniera ta' Triq Giuseppi Calì) se tkun magħluqa għat-traffiku.

Is-26 ta' April, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2022, u l-Ħamis, 28 ta' April, 2022, mid-9.30 a.m. sas-6.00 p.m., Triq San Nikola se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja matul dan il-ħin.

Is-26 ta' April, 2022

MARSAXLOKK LOCAL COUNCIL

The Marsaxlokk Local Council notifies that due to activities being organised on Sunday, 8th May, 2022, the Sunday Open Market will not operate on that day.

26th April, 2022

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of S.L.65.13, the roads listed hereunder are to be classified as 'Tow Zones' as indicated, in connection with filming.

In Virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and parking of vehicles through the areas mentioned hereunder is prohibited on the dates ad times indicated.

Mellieħa

From noon of Wednesday, 27th April, 2022, up to noon of Thursday, 28th April, 2022, through Aħrax tat-Tunnara (Zone B) and Triq l-Armier, Aħrax tal-Mellieħa limits of Mellieħa.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

26th April, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Wednesday, 27th April, 2022, from 10.00 a.m. till 4.00 p.m., Triq l-Indipendenza (from the corner of Triq Caravaggio to the corner of Triq Giuseppi Calì) will be closed for traffic.

26th April, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Wednesday, 27th April, 2022, and Thursday, 28th April, 2022, from 9.30 a.m. till 6.00 p.m., Triq San Nikola will be closed for traffic. Parking of vehicles is not permitted during this time.

26th April, 2022

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Mejju, 2022, se jingħalqu dawn it-toroq u ħadd ma jista' jipparkja fihom mis-1.00 a.m. sa nofsinhar tal-għada s-Sibt, 21 ta' Mejju, 2022: parti minn Triq Santa Liena, Pjazza Santa Liena, Triq Mike Pulis u parti minn Triq is-Santwarju.

Is-26 ta' April, 2022

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Birkirkara Local Council noties that on Friday, 20th May, 2022, the following roads will be closed and no parking is allowed from 1.00 a.m. till noon of Saturday, 21st May, 2022: part of Triq Santa Liena, Pjazza Santa Liena, Triq Mike Pulis and part of Triq is-Santwarju.

26th April, 2022

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022, mis-7.00 a.m., sas-Sibt, 30 ta' April, 2022 f'nofsillejl, Triq il-Blat u Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Is-26 ta' April, 2022

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Ta' Sannat Local Council notifies that from Friday, 29th April, 2022, from 7.00 a.m., till Saturday, 30th April, 2022, till midnight, Triq il-Blat and Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri will be closed to traffic.

26th April, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta'April, 2022.

Avviż Nru. 40. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit f'Ħas-Saptan, Ħal Għaxaq, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0101. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full- time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mitejn u sitta u erbgħin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€246.54) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 41. Bejgħ tale quale ta' garaxx u drive-in li jiffurmaw parti minn Dar f'Nru. 6, 'Paul Mar', Qasam tad-Djar Ta' Giorni, Triq Hans Stumme, San Ġiljan, kif muri bl-

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 28th April, 2022.

Advt No. 40. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Ħas-Saptan, Ħal Għaxaq, shown edged in red on the plan P.D.2022_0101. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two hundred and forty-six euro and fifty-four cents (€246.54) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 41. Sale tale quale of a garage and drive-in which form part of a House at No. 6, 'Paul Mar', Ta' Giorni Housing Estate, Triq Hans Stumme, San Ġiljan, as shown edged in

aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0601. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-propjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,224 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u sittin elf u mitejn u tnejn u erbgħin ewro (€62,242) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 42 Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit 'il hemm minn Triq Ħad-Dingli, is-Swatar fil-limiti tar-Rabat, Malta, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2020_0398. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mija u seba' ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€417.45) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 43. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Fond f'Nru. 64, Triq Għeriexem, Ir-Rabat, Malta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta' P.D.2013_192_A. Dan il-fond huwa tale quale u fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. Dan iċ-ċens irid jiġi mifdi fl-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u għoxrin elf u tliet mija u ħamsa u sittin ewro (€22,365) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.

Avviż Nru. 44. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' garaxx/maħżen Nru.9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D232_91_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €40,599 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mija u tlieta u tletin ewro

red on the plan P.D. 2021_0601. This property is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,224 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-two thousand and two hundred and forty-two euro (€62,242) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 42. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site off Triq Ħad-Dingli, Swatar in the limits of Rabat, Malta, shown edged in red on the plan P.D.2020_0398. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four hundred and seventeen euro and forty-five cents (€417.45) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 43. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Premises at No. 64, Triq Għeriexem, Rabat, Malta, as shown edged in red on the plan P.D.2013_192_A. This premises is tale quale and in its present state including any latent defects. This emphyteusis must be redeemed within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-two thousand and three hundred and sixty-five euro (€22,365) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 12th May, 2022.

Advt No. 44. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a garage/store No. 9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.232_91_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €40,599 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand five hundred and thirty-three euro (€13,533) per

(€13,533) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 45. Bejgħ tale quale ta' sit bl-istrutturi ta' fuqu bil-livelli kollha inklużi, li jinsab fuq in-naħa ta' wara ta' fond proprjetà ta' terzi f'Nru. 84, Triq Ta' Said, In-Nadur, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0668. Dan is-sit huwa mdawwar minn proprjetajiet ta' terzi (landlocked). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,880 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmintax-il elf u tmien mitt ewro (€18,800) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 46. Bejgħ tale quale tal-arja mill-għoli ta' tlettax-il (13) filata 'l fuq li tinsab fuq substation fi Triq it-Tin, Ta' Sannat, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.154_99_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,221 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u erbgħin elf u mitejn u ħdax-il ewro (€42,211) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 47. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' garaxx sal-għoli ta' ħdax-il (11) filata bl-arja mhux inkluża f'Nru. 3, Wesgħa Mattia Preti, Qasam tad-Djar Tal-Ħawli, Il-Birgu, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta' P.D.78_80_13_3. Dan il-fond jista' jintuża biss għal skop ta' ggaraxxjar ta' vetturi privati. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €2,487 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmien mija u disgħa u għoxrin ewro (€829) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Is-26 ta' April, 2022

annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 45. Sale tale quale, of a site with structures theron and all levels included, which is situated at the back of third party owned premises at No. 84, Triq Ta' Said, Nadur, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.2019_0668. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,880 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighteen thousand and eight hundred euro (€18,800) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 46. Sale tale quale of the airspace from the height of thirteen (13) courses (filati) upwards overlying a substation at Triq it-Tin, Ta' Sannat, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.154_99_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,221 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-two thousand and two hundred and eleven euro (€42,211) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 47. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years of a garage with the height of up to eleven (11) courses (filati) with the aispace not included at No. 3, Wesgha Mattia Preti, Tal-Ħawli Housing Estate, Birgu, as shown edged in red on the plan P.D.78_80_13_3. This premises is to be used only for the garaging of private vehicles. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,487 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight hundred and twenty-nine euro (€829) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

26th April, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti MEYR javża li:

Offerti rigward l-avviż li ġej jintlaqgħu sal-Erbgħa, 11 ta' Mejju, 2022, f'nofsinhar, għal:

MFED/746/2021. Offerta – sejħa miftuħa/proċedura negozjata biex jiġu pprovduti servizzi ta' tindif fi skejjel tal-Istat u faċilitajiet edukattivi (inkluż is-sajf) b'oġġetti ta' tindif li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, f'Malta u Għawdex.

Dokumenti għall-parteċipazzjoni fl-offerta ta' hawn fuq jistgħu jinġabru mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, jew jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-MEYR. Id-dokumenti għandhom jiġu ppubblikati wkoll fis-sit elettroniku tal-MEYR.

L-offerti għandhom jiġu depożitati BISS fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Taqsima tal-Procurement, Uffiċċju 205C, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard mhux se jiġu kkunsidrati.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta ġiet estiża mis-27 ta' April, 2022.

Is-26 ta' April, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

The Permanent Secretary MEYR notifies that:

Tender in respect of the following notice will be received up to Wednesday, 11th May, 2022, at noon, for:

MFED/746/2021. Tender – open call/negotiated procedure for the provision of cleaning services in State schools and educational facilities (including Summer) with environmentally friendly cleaning items in Malta and Gozo.

Documents for participation in the above tender can be collected from the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, or downloaded from the MEYR website. Documents shall also be published on MEYR website.

Offers are to be deposited ONLY in the tender box located at the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Procurement Section, Office 205 C, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

Late submissions will not be considered.

The closing date of this tender has been extended from the 27th April, 2022.

26th April, 2022

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Sejħa għal Kwotazzjonijiet – Għoti ta' Servizz Mediċi
Ref: CFQ/FES/003/2022

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES), fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qiegħda tfittex kwotazzjonijiet għall-għoti ta' servizzi mediċi.

Applikanti interessati huma mistednin jissottomettu l-kwotazzjoni tagħhom għall-għoti ta' servizzi mediċi minn persuna ta' professjoni li tkun meħtieġa żżur impjegati tal-FES kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex sabiex tivverifika assenza għal raġunijiet ta' mard.

Il-kwotazzjoni għandha tintbagħat sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022.

Sottomissjonijiet li jintbagħtu tard mhux se jkunu aċċettati.

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Call for Quotations – Provision of Medical Services
Ref: CFQ/FES/003/2022

The Foundation for Educational Services (FES), within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, is looking for quotations for the provision of medical services.

Interested applicants are invited to submit their quotation for the provision of a medical doctor who will be required to visit FES employees around Malta and Gozo in order to verify sickness claims.

The quotation must be submitted by not later than Tuesday, 10th May, 2022.

Late submissions will not be considered.

Informazzjoni aktar dettaljata fuq din is-Sejħa għall-Kwotazzjonijiet tista' tinkiseb minn (https://fes.gov.mt/en/Pages/procurement.aspx) jew tintalab permezz ta' ittra elettronika lil (procurement.fes@gov.mt).

Is-26 ta' April, 2022

MALTA LIBRARIES

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Malta Libraries, jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 2 ta' Mejju, 2022, jintlaqgħu kwotazzjonijiet u għandhom jintbagħtu online BISS fuq (tenders.library@gov.mt) għal:

Kwot. Nru. ML 73/2017. Servizz ta' 'bulky transport'

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (tenders.library@gov.mt) billi tikkwota r-referenza ta' hawn fuq.

Is-26 ta' April, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 11 ta' Mejju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 019-0474/22. High absorbance nappies extra large
CFT 021-0482/22. Diazepam 10mg rectal solution
CFT 021-0483/22. Nitrazepam 5mg tablets
CFT 021-0484/22. Methylphenidate 10mg tablets
CFT 021-0485/22. Clonazepam 5mg tablets

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0471/22. Skin prick tests
CFT 009-0475/22. Manifattura, provvista u installazzjoni ta' metal screening u railings
CFT 021-0476/22. Dexamethasone 0.5mg tablets
CFT 020-0477/22. IVF cleaning material
CFT 021-0478/22. Carbimazole 5mg tablets/capsules
CFT 021-0479/22. Desmopressin 0.1 mg tablets
CFT 020-0480/22. Gauze swabs green 10cm x 10cm
CFT 013-0481/22. HDPE degradable transparent bags għal skart domestiku

More detailed information on this Call for Quotations can be obtained from (https://fes.gov.mt/en/Pages/procurement.aspx) or requested via email to (procurement.fes@gov.mt).

26th April, 2022

MALTA LIBRARIES

The Chief Executive Officer, Malta Libraries, notifies that:

Up to 9.30 a.m. on Monday, 2nd May, 2022, quotations are to be submitted online ONLY on (tenders.library@gov.mt), for:

Quot. No. ML 73/2017. Bulky transport service

Quotation documents are obtainable by sending an email to (tenders.library@gov.mt) quoting the reference provided above.

26th April, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Wednesday, 11th May, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 019-0474/22. High absorbance nappies extra large
CFT 021-0482/22. Diazepam 10mg rectal solution
CFT 021-0483/22. Nitrazepam 5mg tablets
CFT 021-0484/22. Methylphenidate 10mg tablets
CFT 021-0485/22. Clonazepam 5mg tablets

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 24th May, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0471/22. Skin prick tests
CFT 009-0475/22. Manufacturing, supply and installation of metal screening and railings
CFT 021-0476/22. Dexamethasone 0.5mg tablets
CFT 020-0477/22. IVF cleaning material
CFT 021-0478/22. Carbimazole 5mg tablets/capsules
CFT 021-0479/22. Desmopressin 0.1 mg tablets
CFT 020-0480/22. Gauze swabs green 10cm x 10cm
CFT 013-0481/22. HDPE degradable transparent bags for domestic waste

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-26 ta' April, 2022

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

26th April, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

670

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Natalie Caruana vs Jonathan Sant, Rikors numru 1077/2021NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jonathan Sant a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Natalie Caruana (KI 542282M) vs Jonathan Sant (KI 449685M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-28 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Natalie Caruana (KI 542282M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jgħaddi sabiex jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara li l-intimat naqas mill-obbligi tiegħu bħala inkwilin meta ddekada, fost l-oħrajn, mill-pagamenti tal-kera u tas-servizzi skont il-kuntratt ta' kera;

3. Jiddikjara li f'kull każ il-kirja mhijiex aktar valida b'effett mit-28 ta' Jannar, 2022, a tenur tal-Kap. 604;

4. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat Jonathan Sant mill-fond 282, Highlands Block A, Flat 4, Triq il-Bażilika, Il-Mosta, fi żmien qasir u perentorju akkordat minn dan l-Onorabbli Bord;

5. Jillikwida l-arretrati ta' kera u ta' servizzi tal-elettriku u l-ilma dovuti mill-intimat lir-rikorrenti sal-effettiv żgumbrament;

By means of a decree of the 14th February, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Natalie Caruana vs Jonathan Sant, Application number 1077/2021NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jonathan Sant in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Natalie Caruana (ID 542282M) vs Jonathan Sant (KI 449685M) filed before the Rent Regulation Board, on the 28th December, 2021, the applicant Natalie Caruana (ID 542282M) requested this Honourable Board to:

1. Decide these requests without proceeding to trial in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondent has failed to fulfill his obligations as a tenant when he failed, amongst others, to pay the rent and service payments according to the contract of lease;

3. Declare that in any case the lease is no longer valid with effect from the 28th January, 2002, and this in terms of Cap. 604;

4. Order the eviction of the respondent Jonathan Sant from premises 282, Highlands, Block A, Flat 4, Basilica Street, Mosta in a short and peremptory time according this Honourable Board;

5. Liquidate the arrears of rent and electricity and water services owed by the respondent to the applicant until the effective eviction;

6. Jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata, bl-imgħaxijiet legali sal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proveduri, kollox kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: Natalie Caruana c/o Janet Grima, 231, Zafiro, Triq il-Fortizza, Il-Mellieħa

Intimat: Jonathan Sant, 282, Highlands, Block A, Flat 4, Triq il-Bażilika, Il-Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Natalie Caruana vs Jonathan Sant, Rikors numru 1077/2021NB, jinsab differit għat-2 ta' Mejju, 2022, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

6. Order the respondent to pay the applicant the sum as liquidated, with legal interest till the date of effective payment.

With all costs of these procedures, against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: Natalie Caruana, c/o Janet Grima, 231, Zafiro, Triq il-Fortizza, Mellieħa

Respondent: Jonathan Sant, 282, Highlands, Block A, Flat 4, Triq il-Bażilika, Mosta

The application in the names Natalie Caruana vs Jonathan Sant, Application number 1077/2021NB, has been postponed for hearing to the 2nd May, 2022, at10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

671

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Novembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Barbara et vs John Spiteri, Rikors numru 714/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat John Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Barbara (KI 0501556M), Maria Concetta sive Cettina Mizzi (KI 0445451M), Nicholas Barbara (KI 0026354M), Francis Barbara (KI 0136058M) u Emanuel Barbara (KI 0067961M) aħwa Barbara vs John Spiteri (KI 278364M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-6 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrenti Joseph Barbara (KI 0501556M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat John Spiteri huwa l-inkwilin tal-fond urban numru 4, Triq Santa Katerina, Il-Gudja, ai termini u applikazzjoni tal-Ordinanza li Tirregola l-Kera, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat, ai termini tal-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 u jiddetermina jekk l-istess intimat jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

By means of a decree of the 26th November, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Barbara et vs John Spiteri, Application number 714/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent John Spiteri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Joseph Barbara (ID 0501556M), Maria Concetta sive Cettina Mizzi (ID 0445451M), Nicholas Barbara (ID 0026354M), Francis Barbara (ID 0136058M) and Emanuel Barbara (ID 006796M) brothers and sisters Barbara vs John Spiteri (ID 278364M) filed before the Rent Regulation Board, on the 6th October, 2021, the applicant Joseph Barbara (ID 0020553M) et requested this Honourable Board to:

1. Declare and decide that the respondent John Spiteri is the lessee of the urban property number 4, Triq Santa Katerina, Gudja, in terms and by application of of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Carry out the means test of the respondent, in terms of Article 4A(3)(c) of Cap. 69 and determine whether the same respondent meet the criteria of the means test for income and capital;

3. In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the means test for income and capital:

a. Ixolji l-kirja favur l-intimat tat-fondu numru 4, Triq Santa Katerina, Il-Gudja,

b. Jagħti żmien perentorju lill-intimat, li ma jkunx iżjed minn sentejn sabiex jivvaka minn dan il-fond u jirrilaxxa l-pussess battal tiegħu u f'kundizzjoni tajba lill-esponenti,

c. Jistabbilixxi l-kera pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-okkupazzjoni ta' din id-dar matul l-imsemmi perjodu;

4. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimat għar-rigward tal-fond numru 4, Triq Santa Katerina, Il-Gudja, għal ammont sa 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi fl-1 ta' Jannar, 2021, u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti l-kera hekk riveduta bl-istess skadenzi kurrenti jew b'modalitajiet differenti li dan il-Bord jista' jistabbilixxi fid-diskrezzjoni tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' inġunt minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti senjatament dik ta' danni, jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: Joseph Barbara et, 15, Gemini, Flat 2, Triq l-Għannejja, Birżebbuġa

Intimat: John Spiteri, 4, Triq Santa Katerina, Il-Gudja

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Barbara et vs John Spiteri, Rikors numru 714/2021LC, jinsab differit għall-4 ta' Mejju, 2022, fil-10.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

a. Dissolve the lease in favour of the respondents of the premesis number 4, Triq Santa Katerina, Gudja,

b. give the respondents a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition to the applicants,

c. establish the rent payable by the respondent to the applicants for the occupation of the tenament during the said period;

4. In the event that this Board finds that the respondent meet the criteria of the means tests for income and capital, revise the rent payable by the respondent in relation to the premises number 4, Triq Santa Katerina, Gudja, to the amount up to 2% per annum of the free and open market value of the premises on the 1st January 2021 and order the respondent to pay the applicants the revised rent, with the same current installments or in a different manner which this Board might establish at its discretion.

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to his oath be made and reserving any other action by the applicant including those for damages as the case may be.

Applicant: Joseph Barbara et, 15, Gemini, Flat 2, Triq l-Għannejja, Birżebbuġa

respondent: John Spiteri, 4, Triq Santa Katerina, Gudja

The application in the names Joseph Barbara et vs John Spiteri , Application number 714/2021LC, has been postponed for hearing to the 4th May, 2022, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

672

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Frar, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anna Mercieca vs Patrick Xuereb et, Rikors numru 947/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Patrick Xuereb a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anna Mercieca (KI 855953M) vs Patrick Xuereb (KI 598261M) u Awtorità tad-Djar pprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-23 ta' Novembru 2021, ir-rikorrenti Anna Mercieca talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

By means of a decree of the 18th February, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Anna Mercieca vs Patrick Xuereb et, Application number 947/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Patrick Xuereb in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Anna Mercieca (ID 855953M) vs Patrick Xuereb (ID 598261M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 23rd November 2021, the applicant Anna Mercieca requested this Honourable Board why it should not:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Patrick Xuereb huwa l-inkwilin tal-fond 151, Triq il-Vittorja, Il-Ħamrun, u jikkwalifika bħala kerrej ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, u b'hekk huwa intitolat ikompli jokkupa d-dar ta' abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat Patrick Xuereb kif stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru, 2020;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 151, Triq il-Vittorja, Il-Ħamrun, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna f'każ illi l-intimat Patrick Xuereb ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond inkwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: 34, Begonia, Triq Wenzu Dyer, Il-Ħamrun

Intimat: Patrick Xuereb, 151, Triq il-Vittorja, Il-Ħamrun

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Anna Mercieca vs Patrick Xuereb et, Rikors numru 947/2021LC, jinsab differit għas-6 ta' Mejju, 2022, fl-10.05 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Declare and decide that the respondent Patrick Xuereb is the lessee of the premises 151, Triq il-Vittorja, Ħamrun, and qualifies as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021, and thus she is entitled to continue occupying the residential house in terms of Artice 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021.

2. Order that the means test of Patrick Xuereb be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessee between 1st January and 31st December, 2020, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2020.

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises that is 151, Triq il-Vittorja, Ħamrun and to establish new conditions regarding the lease;

4. Order that if the respondent Patrick Xuereb does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years from the 1st June, 2021.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Applicant: 34, Begonia, Triq Wenzu Dyer, Ħamrun

Respondent: Patrick Xuereb, 151, Triq il-Vittorja, Ħamrun

Housing Authority

The application in the names Anna Mercieca vs Patrick Xuereb et, Application number 947/2021LC, has been postponed for hearing to the 6th May, 2022, at 10.05 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

673

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-23 ta' Marzu, 2022, fuq talba ta' Jade Desira ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Alan Joe David Saydon, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 61/2022AGV, fl-ismijiet Jade Desira vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet Jade Desira (KI 52291M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Alan Joe David Saydon (KI 3359991M), fejn ir-rikorrenti Jade Desira (KI 52291M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi datat 26 ta' Settembru, 2019, ossija l-klawsola numru 4 tal-istess u tordna minflok illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri tiġi fdata lill-attriċi;

2. Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi datat 26 ta' Settembru, 2019, ossija l-klawsola numru 3h tal-istess sabiex tkun l-esponenti illi tieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tifel minuri;

